# L-ISTATWA TITULARI TA' SAN ĠUŻEPP TAGĦLAQ MITT SENA FOSTNA

Waħda mill-ħtiġijiet ewlenin li n-nies tal-Qala kellhom f'moħħom sa' mill-bidu tal-Knisja parrokkjali ġdida, kienet l-istatwa titulari ta' San Ġużepp, il-Qaddis li kienu għażlu bħala patrun tagħhom.

L-ewwel festa ta' dan il-qaddis inżammet fil-knisja l-ġdida fis-27 ta' April 1890. F'dik id-data, taħt ir-ras "La Prima Festa di S. Giuseppe" fir-Reġistru ta' l-Eżitu, l-prokuratur Dun Franġisk Buttigieg daħħal id-dettalji ta' l-ispejjes li ħallas. Semma fost affarijiet oħra li l-paneġirku għamlu Dun Angelo Bajada. Il-mużika kienet tal-Kan. Dun Gorg Mercieca, u l-Banda tas-Sur Mikiel Teuma. Ma' dawn l-ispejjes żied nota xotta tassew iżda indikattiva ħafna. Jgħidilna hekk: *Più per ferri e quattro viti per la statua di San Giuseppe"*. Ftit kliem tassew; iżda juri bic-car li f'April 1890 l-istatwa ta' San Ġużepp kienet il-Qala. Il-viti u l-ħadid jixhdu li ma kienx ilha li waslet. L-ispejjes tal-ħadid u tal-viti telgħu għas-somma ta' żewġ skudi tari u erba grani.

Billi din is-sena 1990, jaħbat għeluq l-ewwel ċentenarju millwasla ta' l-istatwa titulari fostna, jixraq li f'din il-kitba ngħid il-ġrajja tagħha tul dawn il-mitt sena.

L-istess bħal dik tal-Kunċizzjoni, l-istatwa ta' San Ġużepp hi prodott tad-ditta famuża Franċiza "Gelard". Ix-xogħol tagħha twettaq fil-belt ta' Marsilja mnejn ġew diversi statwi oħra titulari f'Għawdex. Fl-opinjoni tiegħi l-istatwa hi espressjoni stupenda tas-suġġett li tirrappreżenta. Ġesù tarbija, rieqed b'idejh fuq sidru, rasu taħt ħaddejn San Ġużepp, f'mistrieħ shih u naturali, juri b' manjiera l-aktar ċara l-ħarsien ta' missier putattiv. Jidher li l-istatwa kienet speċifikament disinjata biex tesprimi dan il-ħsieb. Il-ħarsa meditattiva ta' San Ġużepp tkompli ssaħħaħ din l-ideja. Imbagħad il-linji paralleli u kważi dritti tal-libsa ħerġin minn taħt iż-żamma ta' qaddu, magħqudin mal-moviment tal-mantell, jikxfu mudellar tassew delikat u meqjus, meravilment sostnut mill-ilwien armonjużi ta' l-indu-ratura. L-istatwa żżażnet fis-27 ta' April 1890. Jidher li l-ħadid u l-erba' viti msemmijin fuq kienu meħtieġa biex iżommuha marbuta mal-pedestall.



Statwa fil-Festa ta' l-1915



Statwa Titulari bil-pedestall ġdid fl-1917

L-ewwel pedestall li kellha, qabel wasal il-Qala kien iservi biex iżomm l-istatwa ta' Sant' Elena ta' Birkirkara, xogħol ta' l-iskultur Salvu Psaila fl-1837. Psaila kien ħadem ukoll il-pedestall. Aktarx l-ewwel pedestall ta' San Ġużepp kien l-istess wieħed li ħadem Psaila għal Sant' Elena. Il-Qala għad hawn minn jiftakru jitmermer fl-art ma' skart ieħor, f'kamra li kienet tagħmel mal-Knisja n-naħa tax-xellug tal-kor. F'Marzu tas-sena 1917 wasal il-pedestall li għandna llum, xogħol ta' Kalcidon Bugeja, skultur mir-Rabat ta' l-Imdina, fuq disinn tiegħu stess. Dan l-artist għamel diversi xogħlijiet fil-Qala, fosthom il-gandlieri tal-festa ta' l-artal maġġur u dawk tal-kappelluni. Ħadem ukoll il-pulptu u l-gwarniċi tal-Via Sagra. Tiegħu ukoll huma l-kapitelli ta' l-injam tal-kor. Il-pedestall qam £m34, somma kbira ħafna għal dak iż-żmien, meta skultur gwapp kien jitħallas bi ftit xelini kuljum. Ħmistax il-lira minn din is-somma ħadhom l-istess Kalcidon għax-xogħol tiegħu. Dsatax il-lira tħallsu lill-induratur Tumas Bugeja. Is-somma sħiħa ta' £m34, ġabarha Ġużepp Portelli minn għand nies mill-Qala li dak iż–żmien kienu jaħmdu f'Marsilja. Hekk minn Marsilja ġiet l-istatwa titulari tagħna u minn Marsilja wkoll ġew il-flus għall-pedestall tagħha.

Fl-istess żmien tal-pedestall

iżżanżnet ukoll il-bradella ta' taħtu fuq disinn ta' Kalcidon ukoll, iżda x-xogħol tagħha sar minn Mikiel Mercieca, mastrudaxxa mill-Qala. Il-materjal l-aktar użat fil-bradella hu injam tal-ġewż. Iżda l-fondijiet huma tal-*"green heart"*, injam iebes ħafna ta' lewn ħadrani li jiġi minn siġra li tikber fil-punent ta' l-Indja. L-iskultura fina fil-fondijiet tal-bradella hi maħduma minn injam tal-larinġ. Naraw bħalu wkoll fil-pulptu, illum ikkonservat fil-mużew parrokkjali.

Fl-1918, lil San Ġużepp libbsuh libsa ġdida. Qabel indurawh kien jeħtieġ xi tibdil. Idu l-leminija, li kienet ħaġa waħda ma' ġismu, ġiet maqlugħa ftit il-barra. Ix-xogħol wettqu Wistin Camilleri. Dan sar biex id San Ġużepp tkun tista' żżomm il-ġilju tal-fidda li għamlu ftit wara.

Fl-istess żmien saritlu wkoll dijadema tal-fidda għal rasu. Ix-xogħol tal-ġilju u tad-dijadema ġie mwettaq mid-ditta *"Malta Metal Works"* li tħallset bis-somma ta' £m9 - 18 -5d għall-ġilju u ta' £m8–16–0d għad-dijadema. L-ispejjes tad-dijadema ħallashom Salvu Buttigieg u dawk il-ġilju minn Ġużepp Zammit, it-tnejn mill-Qala. L-induratura ta' San Ġużepp saret minn Tumas Bugeja, l-istess wieħed li ndura l-pedestall, u swiet is-somma ta' £m24-18s. Dawn il-flus ġew imħallsa nofs kull wieħed minn żewġ sajjieda tar-raħal tagħna li kienu: Anġlu Buttigieg u Mikieli Attard. Ma' dawn it-tnejn irridu nżidu wkoll li sħabhom fid-dgħajsa. Tajjeb wieħed jinnota hawn, li dak iż-żmien kienet drawwa fost is-sajjieda li jżommu parti żgħira (terz ta' sehem) mill-flus tal-bejgħ tal-ħut maqbud, għall-Knisja.

Aktar 'il quddiem, f'Lulju 1958, l-istatwa ta' San Ġużepp iżżejnet b'erba' vazetti tal-fidda, xogħol imwettaq mid-ditta *"Cassar & Sons"* ta' Bormla. Magħhom saru wkoll erba' fjuretti maħdumin mis-Sorijiet Ursulini tal-Belt Valletta. L-ispejjes kollha laħqu £m500, u ġew imħallsin minn



Meta l-istatwa tlibbset b'libsa ndurata, idu restawrata għal bastun, u saritlu dijadema ġdida tal-fidda — Festa 1918



Statwa bil-fjuretti ġodda fl-1958

Ġużepp Mizzi u l-familja tiegħu li dak iż-żmien kienu l-Awstralja. Fl-1971 l-erba' simboli tal-kartapesta, waħda f'kull faċċata tal-pedestall ġew midbulin minn erba' tal-fidda li nħaddmu f'Milan.

Meta l-istatwa titulari waslet il-Qala fl-1890, fil-knisja l-ġdida kien hemm tliet niċeċ, tnejn fil-ħajt tal-faċċata, waħda kull naħa tal-bieb il-kbir, li spiċċaw mat-tkabbir tal-korsija fl-1934; l-oħra n-naħa tax-xellug tal-korsija, isfel, bejn il-faċċata u l-pilastru t'isfel ta' l-ewwel arkata. Quddiem din in-niċċa fin-naħa l-oħra kien hemm il-fonti tal-Magħmudija. Aktarx li għall-ewwel snin, l-istatwa ta' San Ġużepp inżammet f'din in-niċċa. Imbagħad wara li spiċċa l-bini tal-kor u tal-kappelluni, u l-knisja bdiet tintuża kollha kemm hi, l-istatwa ġiet ittrasferita ġo vetrina kbira ta' l-injam. Din il-vertina kienet fil-kappellun taċ-Ċintura, taħt l-arkata li tagħti għall-kappella tal-Karmnu. Dak iż-żmien il-kappella tal-Madonna tal-Karmnu kienet għad mhix mibnija. L-istatwa ta' San Ġużepp qagħdet ġo din il-vetrina sa l-1934 meta tlestiet in-niċċa li għandha llum, waqt it-tkabbir tal-faċċata f'dak iż-żmien. Mill-1934 saru darbtejn xi tibdiliet fin-niċċa ta' San Ġużepp. L-ewwel tibdil twettaq lejn it-tmiem tat-tkabbir tal-Knisja fl-1954, meta saritilha l-prospettiva li għandha fuq disinn tal-Kavalier Vincenzo Bonello. It-tieni xogħol hu ta' ftit snin ilu meta saret id-dekorazzjoni ta' ġo fiha taħt id-direzzjoni tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi. L-istatwa ġiet restawrata din is-sena mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi.

Nagħlaq b'żewġ ġrajjiet marbutin ma' l-istatwa titulari. Fir-rebbiegħa tal-1920 kien hawn nuqqas kbir tax-xita. Fost il-bdiewa tnissel il-biża' li l-uċuħ tas-sena se jmorru mitlufa. Fil-parroċċa sar talb speċjali lil San Ġużepp. Ħarġu l-istatwa tiegħu minn niċċa u l-Ħadd ta' wara l-

ħruġ saret purċissjoni twila biha. Il-purċissjoni għaddiet minn Triq Wardija, qasmet Triq Ħondoq ir-Rummien u baqgħet nieżla sa Triq l-Imġarr; imbagħad telgħet magħha lejn il-Knisja. L-għada, għamlet ix-xita!

It-tieni ġrajja kienet fl-1949 meta fir-raħal kien hawn l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima – dik l-istatwa li hemm fil-kappella ta' Hamet – waqt ċelebrazzjoni djoċesana tal-Kungress Nazzjonali Marjan li sar f'dik is-sena. Il-Ħadd 18 ta' Settembru 1949, egħluq il-qagħda ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima fil-Qala, saret purċissjoni biha u fiha ħadu parti wkoll l-istatwa tad-Duluri ma' dik ta' San Ġużepp. Kien hemm raġuni ċara ħafna għaliex l-istatwa ta' San Ġużepp ħadet sehem f'din il-purċissjoni.

Niftakru li f'waħda mid-dehriet tal-Madonna fil-belt ta' Fatima fl-1917, dak il-jum meta x-xemx bdiet tiżfen quddiem folla ta' sebgħin elf ruħ miġburin hemm, Suor Luċija u t-tnejn sħaba flimkien ma' ftit nies oħra, mal-Madonna raw ukoll lil San Ġużepp ibierek lill-folla preżenti.

Jalla l-istess barka tal-kbir Patrijarka tinżel fuqna l-Qalin, devoti speċjali tiegħu, matul dawn il-festi ċentinarji li qegħdin niċċelebraw b'qima lejh. Jalla San Ġużepp ikompli jieqaf magħna lkoll, u kif kien kiteb il-Papa Ljun XIII mitt sena ilu fl-enċiklika tiegħu *"Quamquam Pluries"*, iħares u jeħles il-Knisja Mqaddsa mill-egħdewwa tagħha u minn kull għawġ. Dik it-talba ħerqana li ħarġet minn qalb Ljun XIII tkun u tibqa' t-talba favorita tagħna lil San Ġużepp, kif kienet għal dawn l-aħħar mitt sena ta' devozzjoni Ġużeppina fil-parroċċa tagħna.





L-istatwa Titulari restawrata minn Michael Camilleri Cauchi f'Marzu ta' din is-sena 1990



**Studju Storiku minn Anton Buttigieg P.E.P.**